**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. DONATELLA M. FRENDO DIMECH LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 21 ta' Ottubru, 2016

**Il-Pulizija**
(**Spettur Edel Mary Camilleri**)

**-vs-**

**Zenab Dauda Vassallo, detentrici tal-Karta tal-Identita` nru. 47141A kif ukoll numru tal-pulizija tal-immigrazzjoni 07YY-001.**

Kumpilazzjoni Nru. 1104/2012

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-imputata Zenab Dauda Vassallo talli: -

1. Fl-2011 kif ukoll fix-xhur ta' qabel, f'Malta, tat jew gghielet taghti xi prospett falz, dikjarazzjoni falza, jew taghrif ta' fatti foloz lill-Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni u dan bi ksur tal-artikolu 32(1)(c) tal-Kap.217 tal-Ligijiet ta' Malta.
2. Kif ukoll talli taht l-istess cirkostanzi ghamlet falsifikazzjoni jew xjentement ghamlet uzu minn xi dokument iehor falsifikat, u dan bi ksur tal-artikoli 183, 184, u 189 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat m'ghandu l-ebda oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.

Ikkunsidrat:

Illi qabel xejn irid jinghad illi ghalkemm din il-kawza tirrigwarda reati li allegatament sehhew fl-2011, l-istess kawza giet mismugha minn din il-Qorti, kif diversament presjeduta, u l-ewwel udjenza quddiem din il-Qorti, kif preseduta, giet mizmuma illum 21 t'Ottubru, 2016.

Rat li l-imputata irregistrat ammissjoni ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront taghha.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) ta' l-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputata wiegbet li hija hatja ghall-akkuzi migjuba fil-konfront taghha, din il-Qorti wissietha b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u hija nghatat zmien xieraq sabiex jekk riedet terga' lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:
Illi l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghha u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata taghha, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputata hatja tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfront taghha kif minnha ammessi.

Illi it-tieni imputazzjoni nghata bhala alternativa ghall-ewwel imputazzjoni u ghalhekk il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li qeghda tinstab htija fuqu, l-ammissjoni bikrija tal-imputata, ic-cirkostanzi sfortunati tal-kaz fejn l-imputata wettqet dan ir-reat semplicement biex tipprova terga' ssib hajja gdida, tal-fatt li minn mindu sehh ir-reat ghaddew il-fuq minn hames snin u llum l-imputata hija omm u b'hajja gdida quddiemha. Il-Qorti qiset il-fedina penali tal-imputata li hija wahda netta.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 32(1)(c) tal-Kapitolu 217 ta' l-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri

tat-tieni imputazzjoni, fuq ammissjoni ssib lill-imputata hatja tal-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront taghha, izda wara li rat l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, qed tilliberaha lill-istess imputata.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**